Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1177/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEWU TAL-KUNSILLL

tas-6 ta' Ġunju 2003

jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (UE-SILC) ([1])

(ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1553/2005 tas-7 ta' Settembru 2005	L 255	6	30.9.2005
►M2	Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1791/2006 ta' l-20 ta' Novembru 2006	L 352M	629	31.12.2008
►M3	Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008	L 311	1	21.11.2008

([1]) (Test b'relevanza għaż-ŻEE)

▼B

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1177/2003 TAL-PARLAMENT EWROPEWU TAL-KUNSILLL

tas-6 ta' Ġunju 2003

jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (UE-SILC) ([1])

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Kummissjoni ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([3]),

Huma u jaġixxu bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([4]),

Billi:

(1) Sabiex jiġu milħuqa il-kompiti assenjati lilha, partikolarment wara il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew ġewwa Lisbona, Nizza, Stokkolma u Laekan li saru f'Marzu 2000, Diċembru 2000, Marzu 2001 and Diċembru 2001 rispettivament, il-Kummisjoni għandha tiġi infurmata dwar id-distribuzzjoni ta' l-introjtu kif ukoll dwar il-livell u l-komposizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fl-Istati Membri.

(2) Il-metodu ġdid miftuħ tal-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-esklużjoni soċjali, kif ukoll f'dak li huma indikazzjonijiet strutturali, li għandu jiġi prodott fir-rapport miġbur kull sena, se jżid il-ħtieġa tad-data komparabbli u tempestiva kemm traversali kif ukoll longitudinali fuq id-distribuzzjoni ta' l-introjtu u fuq il-livell u l-komposizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, sabiex jiġu stabbiliti paraguni bejn l-Istati Membri li huma relevanti u ta' min joqgħod fuqhom.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 50/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni għall-Komunità sabiex tistimula koperazzjoni bejn l-Istati Membri għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali ([5]) tistabbilixxi Wkoll, fl-Azzjoni 1.2 tas-Settur 1 dwar "l-analiżi ta' l-esklużjoni soċjali", il-kondizzjonijiet neċessarji f'dak li għandu x'jaqsam mal-fondi għall-miżuri għal ġbir u tixrid ta' Statistika komparabbli u partikolarment tappoġġa l-iżvilupp ta' l-istħarriġ u l-analiżi tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.

(4) L-aħjar metodu għal stima tas-sitwazzjoni f'dak li jirrigwarda l-introjtu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali huwa li tinġabar statistika Komunitarja, permezz ta' armonizzazzjoni ta' metodu u definizzjonijiet. Uħud mill-Istati Membri jistgħu jkollhom bżonn aktar żmien sabiex jadottaw dawn il-metodi u definizzjonijiet armonizzati fis-sistema tagħhom.

([1]) (Test b'relevanza għaż-ŻEE)
([2]) ĠU C 103 E, tat-30.4.2002, pġ. 198, u emendat fil-15 ta' Novembru 2002.
([3]) ĠU C 149, tal-21.6.2002, pġ. 24.
([4]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-14 ta' Mejju 2002 (li għandha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Il-Posizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2003 (ĠU C 107 E, tas-6.5.2003, pġ. 26) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Mejju 2003 (li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([5]) ĠU L 10, tat-12.1.2002, pġ. 1.

▼B

(5) L-istatistika għandha tkun aġġornata kull sena, sabiex tirrifletti il-bidliet fid-distribuzzjoni ta' l-introjtu kif ukoll fil-livell u l-komposizzjoni tal-faqar.

(6) Il-Kummissjoni għandha bżonn ta' micro-data fuq livell domestiku u dak personali, kemm traversali kif ukoll longitudinali sabiex jiġu investigati l-kwistjonijiet soċjali, speċjalment kwistjonijiet ġodda li jiħtieġu riċerka partikolari.

(7) Għandha tingħata prijorità lill-produzzjoni ta' data traversali tempestiva u komparattiva dwar l-introjtu u l-eslużjoni soċjali.

(8) Il-flessibilità fl-sorsi tad-data, partikolarment l-użu ta' sorsi lokali, kemm jekk miġbura minn stħarriġ u kemm minn reġistri, u kampjuni lokali għandhom jiġu mħajjra kif ukoll għandha titmexxa 'l quddiem l-integrazzjoni ta' sorsi ġodda f'sistema stabbilita ta' statistiċi lokali.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 831/2002 tas-17 ta' Mejju 2002 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 322/97 fuq l-istatistika Komunitarja, li titratta l-aċċess tad-data konfidenzjali għal għanijiet speċifiċi ([1]) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet konċessi mill-awtorità tal-Kommunità għall-aċċess tad-data kunfidenzjali, għall-iskop li jintlaħqu konklużjonijiet statistiċi għal raġunijiet xjentifiċi.

(10) Il-produzzjoni ta' statistika Kommunitarja speċifika hija rregolata mir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika Komunitarja ([2])

(11) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KEE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri implimentati kif mogħtija mill-Kummissjoni ([3]).

(12) Il-Kumitat tal-Programm Statistiku (SPC) ġie kkunsultat skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 89/382/KEE, Euratom ([4]),

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament għandu jkun li jistabbilixxi struttura komuni għal produzzjoni sistematika ta' l-Istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kondizzjonijiet ta' l-għixien (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa UE-SILC), li tinkludi data komparabbli u tempestiva kemm traversali kif ukoll longitudinali, dwar l-introjtu u l-komposizzjoni tal-faqar, kif ukoll l-esklużjoni soċjali fuq livell lokali u Ewropew.

Il-paragun ta' data bejn l-Istati Membri għandu jkun għan fundamentali, kif ukoll għandu jintlaħaq, sa mill-bidunett tad-data ta' UE-SILC, permezz ta' żvilupp ta' l-istudji metodoloġiċi maħduma b'koperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Eurostat.

([1]) ĠU L 133, tat-18.5.2002, pġ. 7.
([2]) ĠU L 52, tat-22.2.1997, pġ. 1.
([3]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, pġ. 23.
([4]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, pġ. 47.

▼B

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(a) "Statistika Komunitarja" għandha tingħata t-tifsira lilha assenjata fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) No 322/97;

(b) "Produzzjoni ta' l-istatistika" għandha tingħata t-tifsira lilha assenjata fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) No 322/97;

(ċ) "sena ta' l-istħarriġ": tfisser is-sena meta saret il-kollezzjoni tad-data ta' l-istħarriġ, jew il-maġġorparti tal-kollezzjoni.

(d) "il-perjodu tal-ġbir ta' tagħrif fuq il-post fejn issir ir-riċerka" ifisser il-perjodu taż-żmien li fih il-komponent ta' l-istħarriġ jinġabar;

(e) "il-perjodu tar-referenza": ifisser il-perjodu taż-żmien li jirreferi għal punt partikolari ta' l-informazzjoni;

(f) "familja": tfisser persuna li tgħix waħidha jew grupp ta' nies li jgħixu flimkien fl-istess dar residenzjali u li jaqsmu l-ispejjeż, kif ukoll jikkontribwixxu għall-provvedimenti essenzjali għall-għixien;

(g) "*data* traversali": tfisser id-*data* appartenenti għal żmien partikolari jew għal perjodu ta' żmien. *Data* traversali tista' tittieħed minn kampjun ta' stħarriġ traversali, b'kampjun ta' rotazzjoni jew mingħajru, jew minn *panel* pura (fuq il-kondizzjoni li tiġi ggarantita ir-rappreżentattiva traversali); din id-*data* tista' tkun ikkombinata ma' *data* reġistrata (*data* fuq il-persuna, fuq id-dar jew abitazzjonijiet miġbura mill-amministrazzjoni fuq livell ta' l-unità jew reġistri statistiċi);

(h) "*data* longitudinali": tfisser id-*data* relattivi għat-tibdil fiż-żmien fuq livell individwali, osservata perjodikament fuq perjodu ta' żmien. Id-*data* longitudinali tista' tinġabar minn stħarriġ traversali permezz ta' kampjun f'rotazzjoni fejn l-individwi la darba jkunu magħżula jiġu segwiti, jew minn *panel* ta' stħarriġ pura; din tista' tkun ikkumbinata ma' *data* reġistrata;

(i) "persuni fil-kampjun": huma dawk il-persuni selezzjonati għall-kampjun fl-ewwel fażi tal-*panel* longitudinali. Dawn jistgħu jinkludu l-membri kollha tal-kampjun inizjali tal-familja jew kampjun rappreżentattiv ta' individwi fi stħarriġ tal-persuni;

(j) "oqsma prinċipali ta' l-objettiv": ifissru l-oqsma minn fejn id-*data* tinġabar kull sena;

(k) "oqsma sekondarji ta' l-objettiv": ifissru l-oqsma minn fejn id-*data* tinġabar kull erba' snin jew fuq frekwenza;

(l) "l-introjtu gross": ifisser l-introjtu totali riċevut, kemm monetarju u kemm dak li m'huwiex monetarju, mill-familja fuq "il-perjodu tar-referenza għall-introjtu" speċifikat, qabel ma jsir tnaqqis tat-taxxa ta' l-*income*, taxxi regolari fuq il-beni, fuq il-ħaddiema, fuq minn jaħdem għal rasu u fuq il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għal min ma jaħdimx (jekk applikabbli) u fuq il-kntribuzzjoni tas-sigurtà soċjali għal minn iħaddem, iżda wara li jiġu inklużi t-trasferimenti tal-familja riċevuti;

(m) "l-introjtu disponibbli": ifisser l-introjtu gross mingħajr it-taxxa ta' l-*income,* it-taxxi regolari fuq il-beni, il-kuntribuzzjoni għas-sigurta' soċjali tal-ħaddiema, ta' dawk li jaħdmu għal rashom u ta' dawk li ma jaħdmux (jekk applikabbli), il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali ta' minn iħaddem u t-trasferimenti tal-familja mħallsa.

▼B

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

L-UE-SILC għandha tkopri d-*data* traversali fuq l-introjtu, il-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-kondizzjonijiet oħra ta' l-għixien kif ukoll *data* longitudinali li titratta biss l-introjtu, ix-xogħol u numru limitat ta' indikaturi ta' l-esklużjoni soċjali.

Artikolu 4

Referenza għaż-żmien

1. Id-data traversali u loġitudinali għandha tiġi prodotta kull sena mill-2004. F'kull Stat Membru, iż-żmien tal-ġbir għandu jinżamm l-istess, kemm jista' jkun, minn sena għal oħra.

▼M1

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, il-Polonja, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Gran Brittanja jistgħu jibdew jiġbru kull sena *data* trasversali u longitudinali fl-2005.

L-awtorizzazzjoni hija soġġetta għall-kondizzjoni li dawk l-Istati Membri se jfornu data komparabbli għas-sena 2004 għall-indikaturi komuni trasversali ta' l-Unjoni Ewropea li kienu adottati mill-Kunsill qabel l-1 ta' Jannar 2003 fil-kuntest tal-metodu miftuħ ta' kordinazzjoni u li jistgħu jitnisslu abbażi ta' l-istrument EU-SILC.

▼B

3. Il-perjodu ta' referenza għall-introjtu għandu jkun perjodu ta' 12-il xahar. Dan jista' jkun perjodu fiss ta' 12-il xahar (bħal ma huma s-sena preċedenti ċivili jew fiskali) jew perjodu ta' 12-il xahar varjabbli (bħal ma huma t-12-il xahar qabel l-intervista) jew ibbażat fuq miżuri komparabbli.

4. Fil-każ li jintuża perjodu ta' referenza għall-introjtu fiss, il-ġbir tat-tagħrif li ssir fil-post tar-riċerka għall-komponiment ta' l-istħarriġ għandu jsir fuq perjodu limitat, kemm jista' jkun qrib il-perjodu ta' referenza għall-introjtu jew għal-perjodu tad-dikjarazzjoni tat-taxxa sabiex jitnaqqas l-intervall bejn l-introjtu varjabbli u l-kurrenti varjabbli.

Artikolu 5

Karatteristika tad-*data*

1. Kull *data* fuq il-familja u l-individwu għandha tkun aċċessibbli fil-komponent traversali, sabiex issir analiżi fuq il-livell tal-familji u tal-persuni u partikolarment investigazzjoni ta' l-oqsma prinċipali dwar is-socjetà li huma ġodda u għandhom bżonn ta' riċerka speċifika.

Id-*data* kollha tal-familji u ta' l-individwi hija aċċessibbli fil-komponent longitudinal bl-istess mod.

Il-*micro-data* longitudinali m'għandiex għalfejn tkun aċċessibli mal-*micro-data* traversali.

Il-komponent loġitudinali għandu jkopri erba' snin.

2. Għal iskop biex jitnaqqas il-piż, għall-għajnuna fil-proċeduri ta' l-attribuzzjoni ta' l-introjtu u għal-prova fil-kwalità tad-*data*, l-awtoritajiet lokali għandhom ikollhom aċċess għal sorsi amministrattivi relevanti tad-*data* skond ir-Regolament (KE) Nru. 322/97.

▼B

Artikolu 6

Id-*data* meħtieġa

1. L-oqsma prinċipali ta' l-objettiv u l-perjodu tar-referenza korrispondenti li għandhom jiġu koperti mill-komponent traversali u loġitudinali huma stabbiliti fl-Anness I.

▼M3

2. L-oqsma sekondarji ta' l-objettiv għandhom jiġu inklużi, fil-komponent traversali biss, kull sena mill-2005 'l quddiem. Għandu jiġi kopert qasam sekondarju wieħed kull sena. Il-miżuri li jiddefinixxu l-oqsma ta' l-objettiv, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

Artikolu 7

L-Unità tal-Ġbir

1. Il-popolazzjoni tar-referenza għall-UE-SILC għandha tkun il-familja u i-membri tagħha preżenti li jirrisjedu fit-territorju ta' L-Istati Membri fiż-żmien tal-ġbir tad-*data*.

2. L-informazzjoni prinċipali miġbura għandha tkun ta'

(a) familji, li tinkludi *data* fuq id-daqs tal-familja, il-komposizzjoni u l-karatteristiċi bażiċi tal-membri tagħha preżenti; u

(b) il-persuni ta' l-età ta' 16-il sena u ikbar.

3. L-unità tal-ġbir, flimkien mal-metodi tal-ġbir ta' informazzjoni tal-familja u tal-persuni, għandha tkun stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 8

Kampjuni u regoli li wieħed għandu jsewgi

1. Data trasversali u lonġitudinali għandha tkun ibbażata fuq kampjuni ta' probabbiltà rappreżentati lokalment.

2. Permezz tad-deroga mill-paragrafu 1, il-Ġermanja għandha tipprovdi, għall-ewwel darba għas-sena 2008, *data* traversali bażata fuq kampjun ta' probabbiltà rappreżentata lokalment. Għas-sena 2005, il-Ġermanja għandha tipprovdi *data*, liema 25 % minnha għandha tkun bażata fuq kampjuni ta' probabbiltà u 75 % minnha għandha tkun bażata fuq kampjuni ta' kwota, dawn ta' l-aħħar iridu jiġu progressivament imbiddla b'selezzjoni arbitrarja, sabiex jintlaħaq kampjuni komplet ta' probabbiltà rappreżentattiva sas-sena 2008.

Għall-komponent lonġitudinali, il-Ġermanja għandha tipprovdi għas-sena 2006, terz tad-data lonġitudinali (id-*data* għas-sena 2005 u 2006) bażata fuq kampjuni ta' probabbiltà u żewg terzi bażati fuq il-kampjun tal-kwota. Għas-sena 2007, nofs id-*data* lonġitudinali fir-rigward tas-snin 2005, 2006 u 2007 għandha tkun bażata fuq kampjuni ta' probabbiltà u nofs fuq il-kampjuni tal-kwota. Wara l-2007 id-*data* kollha lonġitudinali għandha tkun bażata fuq kampjun ta' probabbiltà.

▼M3

3. Fil-komponent lonġitudinali, l-individwi inklużi fil-kampjun inizjali, jiġifieri, il-persuni kampjunarji, għandhom jiġu segwiti tul il-panel Kull persuna kampjunarja li tmur f'residenza privata tagħha ġewwa l-konfini nazzjonali għandha tiġi segwita fil-lokalità l-ġdida tagħha skond ir-regoli u l-proċeduri ta' traċċjar li jiġu definiti mill-Kummissjoni. Dawk il-miżuri, imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3).

▼B

Artikolu 9

Id-daqs tal-kampjuni

1. Fuq il-bażi ta' diversi konsiderazzjonijiet statistiċi u prattiċi, kif ukoll il-preċiżjoni meħtieġa għall-ħafna mill-varjabbli kritiċi, id-daqs minimu effikaċi tal-kampjuni li għandu jintlaħaq għandu jiġi stipulat fit-tabella fl-Anness II.

2. Id-daqs tal-kampjun għall-komponent longitudinali, għal kull sentejn konsekuttivi, jirreferi għan-numru ta' familji intervistati fl-ewwel sena b'suċċess fejn il-membri kollha tal-familja jew ħafna minnhom li għandhom l-età ta' 16-il sena jew aktar ġew intervistati b'suċċess.

3. L-Istati Membri li jużaw reġistri għall-introjtu u *data* oħra jistgħu jagħmlu użu minn kampjun ta' persuni minflok kampjun ta' familja kompleta fl-intervista ta' l-istħarriġ. Id-daqs tal-kampjun minimu effikaċi, fir-rigward tan-numru ta' persuni li għandhom l-età ta' 16-il sena jew iktar li għandhom jiġu intervistati fid-dettal għandu jkun ta' 75 % taċ-ċifra mniżżla fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella fl-Anness II, għall-komponent traversali u loġitudinali rispettiv.

L-informazzjoni dwar l-introjtu jew *data* oħra għandha tkun miġbura ukoll għall-familja ta' kull persuna magħżula u għall-membri kollha tagħha.

Artikolu 10

Trasmissjoni tad-*data*

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) fil-forma ta' faxxikli tal-*micro-data*, li tiġbor data traversali u loġitudinali li ġiet ikkontrollata, editjata u imputata fir-rigward ta' l-introjtu.

L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-*data* f'forma elettronika, skond l-istruttura teknika xierqa li għandha tkun adottata skond il-proċedura kif imsemmija fl-Artikolu 14(2).

2. Fir-rigward tal-komponent traversali, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu l-faxxikli tal-*micro-data* relatata mas-sena ta' stħarriġ N tal-Kummissjoni (Eurostat), preferibbilment fi żmien 11-il xahar mit-tmiem tal-ġbir tad-*data*. It-terminu perentorju estrem għat-trasmissjoni tal-*micro-data* tal-Eurostat għandu jkun it-30 ta' Novembru (N + 1) għal kull Stat Membru fejn id-*data* tinġabar fl-aħħar tas-sena N jew permezz ta' l-istħarriġ kontiwu jew permezz ta' reġistri u l-1 ta' Ottubru (N + 1) għall-Istati Membri l-oħra.

L-Istati Membri għandhom, flimkien mal-faxxikli tal-*micro-data*, jgħaddu l-indikaturi ta' koeżjoni soċjali bażati fuq kampjun tas-sena N traversali li ser jiġi inkluż fir-rapport annwali tar-Rebbiegħa tas-sena (N + 2) tal-Kunsill Ewropew.

Il-ġranet tat-trasmissjoni tad-*data* japplikaw ukoll għat-trasmissjoni tad-*data* komparabbli traversali għall-indikaturi komuni ta' l-UE għal dawk l-Istati Membri li jibdew il-kollezzjoni annwali tad-*data* wara 2004 skond l-Artikolu 4(2)

3. Fir-rigward tal-komponent longitudinali, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu l-faxxikli tal-*micro-data* sas-sena N lill-Kummissjoni (Eurostat) preferibbilment fiż-żmien 15-il xahar wara t-tmiem tal-ġbir tat-tagħrif li fih issir ir-riċerka. It-terminu perentorju obbligatorju għat-trasmissjoni tal-*micro-data* lill-Eurostat għandu jkun fl-aħħar ta' Marzu (N + 2), kull sena mit-tiena sena tal-UE-SILC.

L-ewwel trasmissjoni tad-data, li tkopri d-data longitudinali għal:-

— l-istħarriġ tas-sena 2004 u tas-sena 2005, fil-każ ta' l-Istati Membri li se jibdew il-ġbir tad-*data* ta' kull sena fl-2004, għandu jsir sa l-aħħar ta' Marzu 2007; u

▼B

— l-istħarriġ tas-sena 2005 u 2006, fil-każ ta' L-Istati Membri li se jibdew il-ġbir tad-*data* ta' kull sena, għandu jsir sa l-aħħar ta' Marzu 2008.

It-trasmissjoni li jmiss għandha tkopri l-ewwel tliet snin ta' l-istħarriġ 2004-2006 (2005-2007) u għandu jsir sa l-aħħar ta' Marzu 2008 u 2009 rispettivament.

Wara dan, id-*data* lonġitudinali ta' kull sena, għandha tigi stabbilita u għandha tinkludi l-erba' snin precedenti ta' l-istħarrig (il-ġbir precedenti jista' jiġi rivedut skond il-ħtieġa).

Artikolu 11

Pubblikazzjoni

Għall-komponent traversali, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tippubblika fuq livell Komunitarju rapport traversali kull sena sa l-aħħar ta' Ġunju N + 2, bażat fuq id-*data* miġbura fis-sena N.

Għall-Istati Membri li jibdew il-ġbir tad-data ta' kull sena wara l-2004, skond l-Artikolu 4(2) ir-rapport traversali għal 2004 għandu jinkludi l-indikaturi traversali komuni ta' l-UE.

Mis-sena 2006, ir-rapport traversali għandu jinkludi r-riżultati ta' l-istudji metodoloġiċi disponibbli msemmija fl-Artikolu 16.

Artikolu 12

L-aċċess għal għanijiet xjentifici tad-*data* konfidenzjali ta' l-UE-SILC

1. L-awtorità tal-Komunità (Eurostat) tista' toffri l-aċċess tad-*data* kunfidenzjali jew oqsma ta' *micro-data* anonima mis-sorsi ta' l-UE-SILC, għal għanijiet xjentifici u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru. 831/2002.

2. Għall-komponent traversali, il-faxxikli tal-*micro-data* għad-*data* miġbura matul is-sena N, fuq livell tal-Komunità, għandhom ikunu għad-disposizzjoni għal għanijiet xjentifici sa l-aħħar ta' Frar N + 2.

3. Għall-komponent lonġitudinali, il-faxxikli tal-*micro-data* għad-*data* miġbura sas-sena N, fuq livell tal-Komunità, għandhom ikunu għad-disposizzjoni ta' l-għanijiet xjentifiċi sa l-aħħar ta' Lulju N + 2.

L-ewwel ħruġ tal-*micro-data* lonġitudinali għal dawk l-Istati Membri li jibdew il-ġbir tad-data fl-2004 għandu jinkludi l-2004 u l-2005 u għandu jsir fl-aħħar ta' Lulju 2007.

It-tieni għandu joħroġ f'Lulju 2008 u jinkludi l-2004-2006, għal dawk l-Istati Membri li jibdew jiġbru id-*data* fl-2004 u is-sena 2005 u 2006 għal dawk l-Istati Membri li jibdew jiġbru d-*data* fl-2005.

It-tielet joħroġ f'Lulju 2009 u għandu jinkludi is-sena 2004 sa l-2007, għal dawk l-Istati Membri li jibdew jiġbru d-*data* fl-2004, u s-sena 2005 sa l-2007 għal dawk l-Istati Membri li jibdew jiġbru d-*data* fl-2005.

Wara dawn il-pubblikazzjoni ta' Lulju, għandha tinkludi d-*data* lonġitudinali ta' l-aħħar erba' snin l-iktar riċenti bid-*data* disponibbli, fuq livell tal-Komunità.

4. Ir-rapporti prodotti mill-Komunità Xjentifika bażati fuq faxxikli tal-*micro-data* traversali għad-*data* miġbura fis-sena N għandhom jkunu aċċessibli biss wara Lulju N + 2.

Ir-rapporti prodotti mill-Komunità Xjentifika bażata fuq il-*micro-data* lonġitudinali in rigward tas-sena ta' l-istħarriġ N, għandhom ikunu aċċessibli biss wara Lulju N + 3.

▼B

Artikolu 13

Finanzi

1. L-Istati Membri għandhom jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mingħand il-Komunità, għall-ewwel erba' snin, għall-ispejjeż tax-xogħol involuti.

2. L-approprjazzjonijiet allokati kull sena għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji, kif imsemmija fil-paragrafu 1, għandhom jiġu stabbiliti bħala parti mill-proċeduri annwali ta' l-estimi finanzjarji.

3. L-awtorità ta' dawn l-estimi finanzjarji għandha toffri d-disponibbiltà ta' l-approprjazzjonijiet kull sena.

▼M1

4. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Estonja għandha tirċievi kontribut finanzjarju mill-Komunità għall-ispiża tax-xogħol involut għall-erba' snin tal-ġabra ta' *data* mill-2005.

5. L-iffinanzjar għas-sena 2007 għad irid jiġi żgurat permezz ta' programm futur tal-Komunità.

▼B

Artikolu 14

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha jkollha l-għajnuna ta' Kumitat tal-Programm Statistiku, stabbilit permezz tad-Deċiżjoni Nru 89/382 (EEC/Euratom).

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE wara li jkunu kkunsidrati d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 li jinsab fiha.

Il-perijodu ta' żmien preskritt fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

▼M3

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a minn (1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼B

Artikolu 15

L-implimentazzjoni tal-miżuri

1. Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jinkludu l-miżuri sabiex jittieħdu kontijiet ekonomiċi u bidliet tekniċi, għandu jittieħed, mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' l-istħarriġ ►M3 ———— ◄.

2. Dawn il-miżuri għandhom jirrigwardaw:

(a) id-definizzjoni tal-lista tal-varjabbli primarji ta' l-objettiv li għandhom jagħmlu parti minn kull qasam tal-komponent traversali u tal-lista tal-varjabbli ta' l-objettivi jagħmlu parti mill-kompenent longitudinali, li tinkludi wkoll l-ispjegazzjoni ta' kodiċi varjabbli u l-istruttura teknika ta' t-trasmissjoni lill-Eurostat;

(b) il-kontenut dettaljat tar-rapport intermedjarji u finali;

(ċ) id-definizzjoni u d-definizzjonijiet aġġornati, partikolarment il-ħidma tad-definizzjonijiet ta' l-introjtu msemmija fil-punti (l) u (m) ta' l-Artikolu 2 (li jinkludi l-kalendarju għall-inklużjoni tal-komponenti diversi);

(d) l-aspetti tal-kampjuni li jinkludu r-regoli li wieħed għandu jsegwi;

▼B

(e) l-aspetti tal-ġbir tat-tagħrif fejn issir ir-riċerka u l-imputazzjonijiet tal-proċedura;

(f) il-lista ta' oqsma u varjabbli sekondarji.

3. Bħala deroga, il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, li jinkludu dawk li jagħmlu kontijiet ekonomiċi u bidliet teknoloġiċi, li jirrigwardaw il-ġbir tad-*data* ta' l-2004, għandhom jirreferu biss għall-punti (a) sa (e) tat-tieni paragrafu u għandhom jittieħed sa mhux iktar tard minn sitt xhur qabel il-bidu tas-sena ta' l-istħarriġ.

4. F'kull Stat Membru l-intervista li tirrigwarda l-varjabbli prinċipali u sekondarji ta' l-objettiv tal-komponent traversali, kif ukoll l-intervista tal-familja u ta' l-individwi, m'għandhiex, bħala medja, iddum iktar minn siegħa.

▼M3

5. Il-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, imfassla sabiexjemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, inter alia billi jissupplimentawh, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 14(3) mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel il-bidu tas-sena ta' l-istħarriġ.

▼B

Artikolu 16

Ir-rapporti u l-Istudji

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport ta' kwalità intermedja, sa l-aħħar tas-sena N + 1 li jirrigwarda dwar l-indikaturi traversali ta' l-UE bażati fuq il-komponent traversali tas-sena N.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti ta' kwalità finali, sa l-aħħar tas-sena N + 2, li jinkludu kemm il-komponent traversali u dak longitudinali li jirrigwardaw is-sena ta' l-istħarriġ N, speċjalment dwar ir-reqqa interna. Bħala deroga r-rapport tas-sena 2004 (għall-Istati Membri li jibdew il-ġbir tad-*data* fl-2004) u r-rapport tas-sena 2005 (għall-Istati Membri li jibdew il-ġbir tad-*data* fl-2005) għandhom jinkludu biss il-komponent traversali.

Devjazzjonijiet minimi mid-definizzjonijiet komuni, bħalma huma dawk relatati mal-familji u l-perjodu tar-referenza ta' l-introjtu, għandhom ikunu permissibli sakemm jaffetwaw biss il-komparabilità marġinali. L-effett fuq il-komparabilità għandhu jiġi rrapportat fir-rapporti tal-kwalità.

2. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi rapport intermedju komparattiv ta' kwalità, sa l-aħħar ta' Ġunju N + 2 li jirrigwarda l-indikaturi traversali komuni ta' l-UE. tas-sena N.

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi rapport komparattiv ta' kwalità finali, li jinkludi kemm komponenti traversali u dawk longitudinali sat-30 Ġunju N + 3 fir-rigward tas-sena ta' l-istħarriġ N. Bħala deroga, ir-rapport tas-sena 2004 (għall-Istati Membri li jibdew il-ġbir tad-*data* fl-2004) u r-rapport tas-sena 2005 (għall-Istati Membri li jibdew il-ġbir tad-*data* fl-2005) għandhom jirreferu biss għall-komponent traversali.

3. Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-ħidma li saret taħt dan ir-Regolament sa mhux aktar tard mil-31 ta' Diċembru 2007.

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha torganizza studji metodoloġiċi sa mis-sena 2004 sabiex isiru l-estimi ta' l-impatti fuq il-komparabilità tas-sorsi tad-*data* lokali użati u sabiex tidentifika l-aħjar prassi li għandha tiġi segwita. Ir-riżultati ta' dawn l-istudji għandhom jiġu inklużi fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 3.

▼B

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni fi-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

L-ANNESS I

OQSMA PRINĊIPALI LI JINKLUDU L-KOMPONENT TRAVERSALI U OQSMA LI JINKLUDU L-KOMPONENT LONĠITUDINALI

1. **Informazzjoni tal-familja**

Unità (Persuni jew familja)	Metodu ta' ġbir	Dominju	Oqsma	Perjodu ta' referenza	Oqsma Traversali (X) u/jew longitudinali (L)
Tal-familja	Informazzjoni miġbura minn membru ta' familja ta' l-età ta' 16-il sena jew iktar jew meħuda mir-reġistri	Data bażika	Data bażika tal-familja li tinkludi grad ta' urbaniżmu	Kurrenti	X, L
		Introjtu	L-introjtu kollu tal-familja (gross [1] u dak disponibbli)	Perjodu ta' referenza ta' l-introjtu	X, L
			Il-komponenti ta' l-introjtu gross fuq livell tal-familja	Perjodu ta' referenza ta' l-introjtu	X, L
		Esklużjoni Soċjali	Arretrati tal-familja, kif ukoll dawk li m'humiex	L-aħħar 12-il xahar	X, L
			Indikaturi non-monetarji tal-familja, inklużi d-diffikultajiet li jistgħu jinqalgħu biex jintlAħqu dawn l-għanijiet, l-ammont tad-dejn u nfurzar tan-nuqqas ta' affarjiet neċessarji	Kurrenti	X, L
			Ambejnt fiżiku u soċjali	Kurrenti	X
		Informazzjoni tax-xogħol	Kura tat-tfal	Kurrenti	X
		Abitazzjoni	L-istat u t-tip ta' residenza u l-kondizzjonijiet ta' l-abbitazzjoni	Kurrenti	X, L
			Kumditajiet fir-residenza	Kurrenti	X
			Spejjeż ta' l-abitazzjoni	Kurrenti	X

([1]) Il-komponent ta' l-introjtu gross għandu jkopri l-introjtu tal-ħaddiema u ta' dawk li jaħdmu għal rashom (monetarju u non-monetarju), Il-gross tal-kOntribuzzjoni tas-sigurtà soċjali ta' minn iħaddem, kera imputata, introjtu fuq il-proprjetà, Il-gross ta' riċevuti ta' trasferimenti kurrenti, kif ukoll introjtu gross ieħor u pagamenti ta' l-interessi.
Komponenti non-monetarji tal-ħaddiema (bl-eċċezzjoni tal-karozzi tal-kumpaniji li għandhom jiġu kkalkulati sa mill-ewwel sena ta' l-istħarriġ) u l-introjtu ta' dawk li jaħdmu għal rashom, kera imputata u pagamenti ta' l-interessi għandhom ikunu ta' għażla għall-ewwel sena ta' l-istħarriġ izda obbligatorji mis-sena 2007.
Il-gross tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali ta' minn iħaddem għandu jiġi nkluż biss mis-sena 2007, jekk ir-riżultati ta' l-istudju tal probabBiltà huma pożittivi.
Il-varjabbli meħtieġa sabiex tiġi kkalkulata l-kera imputabbli se jingħabbru mill-ewwel sena ta' ġbir ta' data għal kull Stat Membru (2004 or 2005).

▼B

2. **Informazzjoni personali**

Unità (Persuni jew familji)	Metodu ta' ġbir	Dominju	A Oqsma	Perjodu ta' reference	Oqsma traversasli (X) u/jew longitudinali (L)
Kull persuna taħt is-16-il sena	Informazzjoni personali miġbura minn membru tal-familja ta' l-età ta' 16-il sena jew ikbar jew miġbura mir-reġistri.	Data bażika	Data demografika	Kurrenti	X, L
Membru tal-familja li m'għadux			Data demografika	Perjodu ta' referenza ta' l-introjtu	L
Kull persuna ta' l-età ta' 16-il sena jew ikbar fil-familja	informazzjoni personali miġbura mill-membri kollha tal-familja li għandhom 16 il-sena jew iktar (bl-eċezzjoni ta' prokura għall-persuni li temporanjament mhux preżenti jew mhux kapaċi) jew miġbura mir-reġistri	Introjtu	Gross tat-total ta' l-introjtu personali u l-komponenti fuq livell personali.	Perjodu ta' referenza ta' l-introjtu	X, L
	Prokura hija aċċettata bħala proċedura normali jew miġbura mir-reġistri, għal-kemm preferibbilment permezz ta' kuntratt personali.	Data bażika.	Data personali bażika	Current	X, L
			Data demografika	Current	X, L
		Edukazzjoni	Edukazzjoni, li tinkludi l-għola livell ta' Klassifikazzjonijiet Standard Internazzjonali ta' L-Edukazzjoni ISCED milħuq	Current	X, L
		Informazzjoni tax-xogħol	B'Informazzjoni bażika dwar l-istat ta' l-attivitajiet kurrenti u fuq ix-xogħol kurrentili jinkludi infomazzjoni fuq ix-xogħlijiet riċenti l-iktar prinċipali għal dawk li huma qiegħda	Kurrenti	X, L
			B'Informazzjoni bażika fuq l-istat ta' l-attività waqt il-perjodu ta' referenza ta' l-introjtu	Il-perjodu ta' referenza ta' l-introjtu.	X
			Total tas-siegħat tax-xogħol fit-tieni/fit-tielet… impjieg	Kurrenti	X
Mill-inqas wieħed mill-membri fil-familja li għandu 16-il sena jew iktar (mir-rispondenti magħżula)	Informazzjoni personali miġbura mill-individwu/i (bl-eċċezzjoni tal-prokura) jew miġbura mir-reġistri	Saħħa	Saħħa, li tinkludi l-istat tas-saħħa jew mard kroniku jew kondizzjoni	Kurrenti	X, L
			Aċċess għal kura medika	L-aħħar 12-il xahar	X
		Informazzjoni tax-xogħol	Informazzjoni tax-xogħol dettaljata	Kurrenti	X, L
			Attività li saret	Ħajja lavorattiva	L
			Kalendarju ta' attivitajiet	Il-perjodu ta' referenza ta' l-introjtu	L

▼M1

L-ANNESS II

Id-daqs minimu effettiv tal-kampjun

	Nuklei ta' familji		Persuni 'l fuq minn 16-il sena li għandhom jiġu intervistati	
	Trasversali	Longitudinali	Trasversali	Longitudinali
	1	2	3	4
Stati Membri ta' l-UE				
Il-Belġju	4 750	3 500	8 750	6 500
▼M2				
Il-Bulgarija	4 500	3 500	10 000	7 500
▼M1				
Ir-Repubblika Ċeka	4 750	3 500	10 000	7 500
Id-Danimarka	4 250	3 250	7 250	5 500
Il-Ġermanja	8 250	6 000	14 500	10 500
L-Estonja	3 500	2 750	7 750	5 750
Il-Greċja	4 750	3 500	10 000	7 250
Spanja	6 500	5 000	16 000	12 250
Franza	7 250	5 500	13 500	10 250
L-Irlanda	3 750	2 750	8 000	6 000
L-Italja	7 250	5 500	15 500	11 750
Ċipru	3 250	2 500	7 500	5 500
Il-Latvja	3 750	2 750	7 650	5 600
Il-Lituwanja	4 000	3 000	9 000	6 750
Il-Lussemburgu	3 250	2 500	6 500	5 000
L-Ungerija	4 750	3 500	10 250	7 750
Malta	3 000	2 250	7 000	5 250
L-Olanda	5 000	3 750	8 750	6 500
L-Awstrija	4 500	3 250	8 750	6 250
Il-Polonja	6 000	4 500	15 000	11 250
Il-Portugall	4 500	3 250	10 500	7 500
▼M2				
Ir-Rumanija	5 250	4 000	12 750	9 500
▼M1				
Is-Slovenja	3 750	2 750	9 000	6 750
Is-Slovakkja	4 250	3 250	11 000	8 250
Il-Finlandja	4 000	3 000	6 750	5 000
L-Iżvezja	4 500	3 500	7 500	5 750
Ir-Renju Unit	7 500	5 750	13 750	10 500
▼M2				
Total għall-Istati Membri ta' l-UE	**130 750**	**98 250**	**272 900**	**203 850**
▼M1				
L-Iżlanda	2 250	1 700	3 750	2 800
In-Norveġja	3 750	2 750	6 250	4 650
▼M2				
Total inklużi l-Islanda u n-Norveġja	**136 750**	**102 700**	**282 900**	**211 300**
▼M1				

NB: Ir-referenza hija għad-daqs tal-kampjun effettiv li huwa d-daqs meħtieġ jekk l-istħarriġ kien ibbażat fuq kampjuni sempliċi mingħajr ordni (l-effett tad-disinn fir-rigward tar-rata tar-riskju tal-faqar = 1,0). Id-daqs attwali tal-kampjuni għandu jkun ikbar sakemm l-effett tad-disinn ikun iktar minn 1,0 u biex jagħmel tajjeb għat-tipi kollha ta' nuqqas ta' risposta. Barra minnhekk id-daqs tal-kampjun jirreferi għan-numru ta' familji validi li huma l-familji li għalihom, u għall-membri kollha tagħhom, inġabret l-informazzjoni meħtieġa kollha jew kważi kollha.